MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 410/2011

**Brian's Tyre Services Limited ezercenti l-kummerc taht l-isem "Noel Auto Dealer" u Leon Developments Limited**

**vs**

**Paul Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Paul Fenech tas-27 ta' April 2011 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrent rcieva l-precitata ittra ufficjali fejn is-socjetajiet intimati qed jipprovaw jakkwistaw titolu ezekuttiv kontra tieghu bis-sahha tal-kambjala hemm annessa mal-istess itra fl-ammont ta' €72,161 li mmaturat ghal hlas fil-11 ta' Dicembru 2010;

2. Illi r-rikorrent qieghed jikkontesta l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala in vista tal-fatt illi jezistu ragunijiet gravi u validi ghal tali opposizzjoni ai termini tal-artikolu 253(e) Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana kif ser jigi inidikat hawn taht u cioe:
a. Ma tezisti ebda persuna guridika bl-isem ta’ Noel Auto Dealer, liema isem huwa ndikattiv biss ta’ ditta u mhux ta’ persuna guridika jew fisika li kellha l-jedd li tkun beneficjarja fuq l-istess kambjala;

b. Mal-iffirmar tal-kambjala, is-socjeta’ Leon Developments Limited la kienet indikata bhala beneficjarja u lanqas ma kienet firmatarja fuq l-istess kambjala u ghalhekk id-dokument anness mal-precitata ittra ufficjali huwa falz il-ghaliex ma jirrispekkjax l-original tal-kambjala ffirmata mir-rikorrent Fenech;

c. Illi di piu jinghad ukoll li l-kambjala in kwsitjoni hija falza l-ghaliex fil-mument tal-firma tal-istess mir-rikorrent ma kien hemm indikat ebda data ta’ meta l-istess kellha timmatura ghal pagament tant illi kienet thalliet vojta u mtliet wara indebitament u illegalment minn min kellu fil-pussess tieghu l-original tal-kambjala;

Ghaldaqastant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni jew ragunijiet premessi tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala in toto;

Rat ir-risposta ta’ Brian’s Tyre Services Limited u Leon Developments Limited li tghid hekk:

Illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 il-kontestazzjoni tar-rikorrenti ghall-kambjala hija limitata ghal: (1) kontestazzjoni li l-firma fuq il-kambjala mhux tieghu jew (2) ragunijiet ohra gravi u validi;

Illi l-kontestazzjoni ppresentata mir-rikorrenti la tirrigwardja l-firma tieghu u lanqas hi wahda gravi u valida u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez u t-titolu ezekuttiv jigi kkonfermat u dan jinghad bl-akbar rispett;

Illi fil-fatt haga importanti li tohrog mir-rikors tar-rikorrenti Paul Fenech huwa li hu mhux qed jikkontesta li l-ammont indikat fil-kambjala mhux dovut u mhux qed jikkontesta li l-firma li hemm fuq l-istess kambjala mhix firma tieghu;

Illi r-rikorrenti qed jikkonferma li hu iffirma l-kambjala ghall-ammont indikat fiha u li huwa dovut kollu minnu [punt 2(b)] tar-rikors promutur);

Illi l-kostestazzjoni tar-rikorrenti tikkoncerna favur minn huwa dovut dan l-ammont u r-ragunijiet migjuba minnu biex jahrab mill-obbligi tieghu la huma ragunijiet validi u lanqas gravi;

Illi jikkontendi li “Noel Auto Dealer” mhix persuna guridika u fil-fatt “Noel Auto Dealer” hija trade name registrata mad-dipartiment tal-kummerc favur l-istess socjeta’ Brian’s Tyre Services Limited (C12015) li tuza’ dan it-trade name biex tinnegozja bih u dan kif johrog car anke minn invoice li qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. MMC01 fejn tindika li Brian’s Tyre Services Limited tezercita n-negozju bl-isem ta’ “Noel Auto Dealer” u dan ilu hekk ghal diversi snin;

Illi jirrappresenta legalment lil Brian’s Tyre Services Limited (C12015) huwa Noel Gauci ID 218071(M) u dan kif stabbilit mill-annes certifikat tal-MFSA immarkat Dok. MMC02. Noel Gauci hu l-azzjonist maggoritarju u direttur tal-istess socjeta’, u fundatur tal-istess negozju (ghalhekk “Noel Auto Dealer”) li tieghu tidher il-firma fuq il-kambjala u li dejjem kien il-persuna presenti fin-negozjati u konkluzjoni tal-ftehim li sar mar-rikorrenti Paul Fenech;

Illi ghar-rigward Leon Developments Limited C25458 hija socjeta’ li dejjem kienet parti minn dan in-negozju ma’ Paul Fenech u dan kif jidher car anke mill-anness ftehim, ta’ meta beda n-negozju inkwistjoni, ffirmat mir-rikorrent Paul Fenech, redatt minnu stess fuq letter head tieghu, tal-20 ta’ Novembru 2008 mmarkat Dok. MMC02. Dan gie ffirmat ukoll mill-istess Noel Gauci (obo Leon

Developments Ltd) li huwa direttur tas-socjeta’ Leon Developments Limited C25458;

Illi mhux minnu u qed jigi kkontestat bil-qawwa kollha li ma kienx hemm data ta’ maturita fuq il-kambjala u li ma kienx hemm indikata Leon Developments Limited bhala beneficjarja meta din kienet parti minn negozju mill-bidu nett. Fuq kollox l-imsemmi Noel Gauci, kif gie sottomess u stabbilit, mid-dokumenti annessi, huwa rappresentant u sid tas-socjetajiet u negozji kollha involuti f’dan in-negozju u kambjala. B’hekk m’hemmx ragunijiet gravi u validi ai termini tal-artikolu 253(e) sabiex tigi akkolta din il-kontestazzjoni;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi u bl-akbar rispett lejn din l-Onorabbli Qorti l-esponent jikkontendi li t-talba tar-rikorrenti Paul Fenech ghandha tigi michuda bl-ispejjez u t-titolu ezekuttiv ghandu jigi kkonfermat;

Rat id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ kambjala li giet resa ezekuttiva wara li giet prezentata ittra ufficjali kontra r-rikorrenti datata 4 ta’ April 2011 ghal hlas tas-somma dovuta fuq l-istess kambjala u dan ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12.

Ir-rikorrenti qed jikkontesta l-esekuzzjoni ta’ din il-kambjala in virtu tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 li jaghti d-dritt lill-Qorti li tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ kambjala ghal dawn ir-ragunijiet biss cioe (1) li l-firma fuq il-kambjala bhala traent mhix dik tieghu qua debitur jew (2) fejn jezistu ragunijiet gravi u validi li jitolbu li l-ezekuzzjoni ma ssehhx.

Ezami tar-ragunijiet mqajma mir-rikorrenti jeliminaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala peress li l-firma fuq il-kambjala mhix dik tad-debitur cioe ta’ Paul Fenech billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-firma tad-debitur fuq il-kambjala.

Jibqa' li jigi ezaminat ir-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti ghaliex din il-Qorti ghandha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala li ghalhekk iridu jigu klarifikati u ppruvati bhala gravi u validi.

Ir-rikorrenti qed jallega illi Noel Auto Dealer mhix persuna guridika li tista' tigi kwalifikata bhala beneficjarja izda hu biss isem ta' negozju. Is-socjetajiet intimati jaqblu illi l-beneficjarju hu s-socjeta' Brian's Tyre Services Limited li tezercita l-kummerc bl-isem ta' "Noel Auto Dealer".

"Noel Auto Dealer" hu fil-fatt 'trade name' izda mhix l-isem tal-kreditur li ex admissis mill-ittra ufficjali tal-istess kreditur tal-4 ta' April 2011 wiehed mill-kredituri hu indikat bhala Brian's Tyre Services Limited. Dan hu konfermat aktar minn invoice tal-istess socjeta pprezentata mar-risposta tal-intimat fejn l-isem tal-kummerce hu indikat bhala Noel Auto Dealer pero that l-isem hemm c/o Brian's Tyre Services Limited, Mdina Road, Zebbug.

Ma gbiebet ebda prova da parti tal-intimati illi "Noel Auto Dealer" hi persuna guridika distinta, kapaci tassumi drittijiet u obbligi fil-konfront ta' terzi u li ssejjah u tissejjah f'gudizzju. "Noel Auto Dealer" ma tezisix bhala persuna naturali jew legali u ghalhekk jonqos fiha l-kapacita li titlob ezekuzzjoni ta' kambjala. Il-ligi stess fl-artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc jesigi li l-isem tal-kreditur jigi dikjarat u ghalhekk l-isem propjru tat-traent ma jistax jigi dezunt minn fattura estraneji ghal dak li jidher fil-kambjala.

Din il-Qorti tqis ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti gustifikat bhala serju u gravi bizzejjed sabiex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tigi sospiza fil-konfront ta' "Noel Auto Dealer" qua beneficjarju fuq l-istess kambjala billi dan hu biss isem ta' kummerc. Dan kollu salv u impregudikat id-drittijiet ta' Brian's Tyre Services Limited ghal kreditu semmai dovut lilha naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali izda mhix naxxenti esklussivament mill-kambjala.

Dan pero jhalli mhix mittiefes il-kambjala fil-konfront ta' Leon Developments Limited socjeta' b'personalita guridika rikonoxxuta. Fuq din il-kwistjoni pero r-rikorrenti jressaq zewg ilmenti cioe li fil-mument tal-iffirmar tal-kambjala mir-rikorrenti, Leon Developments Limited ma kienitx indikata bhala beneficjarja w inoltre ma giet indikata ebda data ta' pagament. Kemm l-isem ta' 'Leon Developments Limited' u d-data tal-maturita tal-kambjala gew inseriti wara minn min kien fil-pussess tal-kambjala. Dawn l-allegazzjonijiet huma michuda mill-intimat.

Din il-Qorti tirrileva illi in kwantu ghad-data tal-hlas anki jekk hu minnu, ghall grazzja tal-argument, illi ma giet imsemmija ebda data ta' maturita fil-kambjala skond l-artikolu 180 tal-Kodici tal-Kummerc, tali kambjala timmatura 'a vista' u kwindi l-ilment tar-rikorrenti, anki jekk veru, mhix ser inaqqas mill-effikacja u validita tal-kambjala.

Il-kwistjoni tal-inseriment ta' kreditur iehor cioe Leon Developments Limited ma dak originali tassumi aktar importanza u serjeta in vista tal-fatt tal-illegalita kommessa. Pero din il-Qorti tqis l-allegazzjoni tar-rikorrenti bhala priva minn kull prova li b'xi mod tissostanzjaha. Dan jinghad ghax id-dokument pprezentat mill-intimati mar-risposta cioe skrittura datata 20 ta' Novembru 2008 iffirmat minn Paul Fenech u Noel Gauci f'isem Leon Developments Limited (liema firma cioe ta' Noel Gauci tidher ukoll fuq il-kambjala in kwistjoni bhala trattarju) turi illi Paul Fenech (f'minn socjeta P & O Properties L.T.D.) kellu negozju ma' Leon Developments Limited u l-bilanc dovut kien proprju ta' €72,161 cioe l-ammont li jidher fuq il-kambjala. Dan id-dokument jimmilita favur Leon Developments Limited u ma jaghti ebda sahha ghall-ilment tar-rikorrenti li l-istess socjeta' ma kienitx parti mill-kambjala in kwistjoni, meta ma saret ebda prova li b'xi mod tista' tiddisturba dak li jidher prima facie fuq il-kambjala. Kif inhi redatta l-kambjala turi li hemm zewg kredituri alternattivi cioe "Noel Auto Dealer" li rrizulta li ma ghandha ebda awtonomina guridika u Leon Developments Limited. Il-firma tal-kreditur cioe Noel Gauci turi li semmai hu ffirma qua direttur ta' socjeta' Leon

Developments Limited kif giet indikata li ghandu l-kapacita tieghu fir-risposta tal-istess. Kif ighid il-Vivante (**Trattato op cit Vol III para 1059**) tali kredituri alternattivi ghandhom jigu mehudin bhala kredituri in solidum bil-kapacita li kull wiehed jista' jitlob il-hlas tal-kambjala.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' in parti r-rikors ta' Paul Fenech billi tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala fejn jirrigwarda Brian's Tyre Services Limited ezercenti l-kummerc taht l-isem "Noel Auto Dealer". Pero tichadha fil-konfront tal-kreditur l-iehor Leon Developments Limited li ghal kull effett tal-ligi thalli mhux mittiefsa l-ezekuzzjoni tal-kambjala, fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------